**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju 2025**

**Avviz Numru: 40/2023 MLF**

**MPM Investments Limited**

**vs**

**Peter Agius**
**Doris Agius**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta MPM Investments Limited fejn talbet li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallasuha s-somma ta' ghaxart elef u hames mitt Ewro (€10,500), liema somma tinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, u tirrapprezenta hlas dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici ghas-servizz t'agenzija rezi mill-istess socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghhom, kif ikkonfermat permezz tal-iskrittura iffirmata fl-14 ta' Settembru 2021, li kopja taghha giet prezentata mar-rikors promotur immarkata bhala Dok A, wara li sehh it-trasferiment finali tal-fond bin-numru sebgha u ghoxrin (27), Triq Sant' Anna, Hal-Tarxien permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento nhar it-28 t'Ottubru 2022.

   Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-25 ta' Novembru 2022 bin-numru 2709/2022 prezentata mar-

rikors promotur u mmarkata bhala Dok B, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mill-25 ta' Novembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat li l-konvenuti ma dehrux ghas-seduti mizmuma minn din il-Qorti, ghalkemm kienu debitament notifikati, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentaw risposta.

3. Semghet ix-xhieda ta' Paul Henry Sammut - direttur tas-socjeta attrici – fis-seduta tat-28 ta' Frar 2024 u semghet ix-xhieda ta Keith George Pace Axiaq – bhala advisor tal-propjeta u ta' Ana Maria Zafirovska – branch manager tas-socjeta attrici, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2025.

4. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Mill-provi prodotti mis-socjeta attrici, jirrizulta illi s-socjeta attriciipprestat servizzi ta' senserija sabiex il-konvenuti, li huma konjugi, icedu d-drittijiet taghhom bhala kompraturi ta' proprjeta immobbli fuq konvenju lil terzi persuni. Din il-wieghda ta' cessjoni giet iffirmata fl-14 ta' Settembru 2021, u fiha jinghad li s-*"senserija tithallas fuq l-att finali skond il-ligi mill-vendituri biss."*[1] Fl-istess gurnata giet iffirmata skrittura privata bejn is-socjeta attrici u l-konvenut biss fejn saret riferenza ghal din il-wieghda ta' cessjoni, u l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta' €10,500, inkluz il-VAT, mhux iktar tard mid-data li fiha jigi iffirmat l-att finali ta' trasferiment. Il-Qorti tirrileva li fl-iskrittura ta' wieghda ta' cessjoni, il-konvenuti gew imsejha *'il-vendituri'*.

6. L-att finali ta' self, cessjoni u bejgh gie ippubblikat fit-28 t'Ottubru 2022 fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Masini Vento. Prezenti kien hemm ukoll Keith George Pace Axiaq in rapprezentanza tas-socjeta attrici. Wara li gie ippublikat il-kuntratt, Pace Axiaq talab lill-konvenut ihallsu s-senserija kif pattwita fl-iskrittura privata tal-14 ta' Settembru 2021, pero l-konvenut irrifjuta li jaghmel dan ghax qal li s-senserija kellu jhallasha l-bank li ta s-self lill-kompraturi.

[1] Ara fol. 25 tal-process.

7. Il-konvenuti ma ipprezentawx risposta u lanqas resqu provi.

8. Ix-xhieda ta' Paul Henry Sammut, Keith George Pace Axiaq u Ana Maria Zafirovska ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-provi, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita ta' dak li qalu dawn ix-xhieda, u tad-dokumenti ezebiti in sostenn tat-talba.

9. Il-Qorti tirrileva li l-iskrittura privata tal-14 ta' Settembru 2021 mas-socjeta attrici giet iffirmata mill-konvenut biss, u ma gietx iffirmata wkoll mill-konvenuta, li tigi martu. Pero, kemm fl-iskrittura tal-wieghda ta' cessjoni iffirmata fl-istess gurnata, kif ukoll fil-kuntratt ta' cessjoni u bejgh, il-konvenut deher f'ismu proprju kif ukoll f'isem martu, il-konvenuta. Ghalhekk il-Qorti hija konvinta li l-fatt li l-konvenuta ma gietx imsemmija fl-iskrittura tal-14 ta' Settembru 2021, u l-fatt li l-konvenut ma iffirmax espressament ghan-nom taghha kien biss *lapsus calami*, ghaliex l-intenzjoni taz-zewg partijiet certament kienet li l-konvenut jintrabat mhux biss f'ismu proprju izda wkoll f'isem martu, il-konvenuta.

10. Fl-avviz promotur, is-socjeta attrici talbet l-imghax mill-25 ta' Novembru 2022 – id-data li fiha giet ipprezentata l-ittra ufficjali mahruga mis-socjeta attrici ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero skond il-ligi, l-imghax jiddekorri mhux mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, imma mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali. Mill-atti jirrizulta li din l-ittra ufficjali giet notifikata liz-zewg konvenuti fit-30 ta' Novembru 2022.[2] Ghaldaqstant, l-imghax ghandu jiddekorri minn din id-data.

**Konkluzjoni**

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' ghaxart elef u hames mitt Ewro (€10,500), lis-socjeta attrici, bl-imghax mit-30 ta' Novembru 2022 – data tan-notifika tal-ittra ufficjali mahruga ai termini

[2] Ara fol. 6 tal-process.

tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta – sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-25 ta' Novembru 2022 bin-numru 2709/2022 ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**